KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

7/3

**It-tielet (3) laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-13 ta' Mejju, 2015 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Edwin Vassallo | - | Sindku |
| | Is-Sur Ivan Bartolo | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Alexander Muscat | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Keith Cassar | - | Kunsillier |
| | Dott. Rachel Tua | - | Kunsillier |
| | Dott. Karl Tanti | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Busuttil | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mario Sammut | - | Kunsillier |
| | Is-Sa Maria Pia Bonnici | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mark Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Gatt | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużati:** | Dott Angele Rapa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur James Cassar | - | Kunsilier |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti
3. Responsabilitajiet
4. Pjan ta Ħidma 2015-2019
5. Korrispondenza
6. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
7. Ilmenti
8. Ordnijiet tal-ġurnata
   (a) Xiri ta' siġġijiet għall-Board Room.
   (b) Xiri ta Lapidi tal-membri tal-Kunsill preċedenti u ta' llum
   (c) Proposta biex jibda il-proċess għat-tender ta' Major Patching u bini ta' toroq ġodda (Alexander Muscat)
   (d) Proposta biex jibda l-proċess għat-tender tal-lift
9. Proċess għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv
10. Kommunikazzjoni mis-Sindku
11. Aġġornament

**Centru Civiku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, MST 9059 - Malta**
**Tel: 2141 6841 Fax: 2141 0245**
**E-Mail: mosta.lc@gov.mt**

KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

Il-laqgħa bdiet fis-7.35 ta' filgħaxija.

## 1. Talba

Is-sindku qal it-talba.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-minuti l-ewwel (1) tal-Laqgħa li saret il-Gimgħa 1 ta' Mejju 2015 ġew approvati b'mod unanimu.

2.2 Il-minuti t-tieni (2) tal-Laqgħa b'urġenza li saret l-Erbgħa 6 ta' Mejju 2015 ġew approvati b'mod unanimu.

## 3. Responsabilitajiet

Is-sindku ressaq it-talba għal awtorizazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tar-responsabbilitajiet tal-Kunsilliera (Anness 2) .

Il-membru qablu unanimament.

## 4. Pjan ta Ħidma 2015-2019

Is-Sindku ressaq il-Pjan ta Ħidma għall-approvazzjoni tal-Kunsill (Anness 3) .
Il-membri qablu unanimament.

## 5. Korrispondenza

Korrispondenza Nru 1 – Il-Kunsill qabel unanimament illi tingħata il-progression minn Skala 11 għal skala 10 lill-impjegati Chris Camilleri, Nadia Micallef Camilleri , Lorraine Zammit Tabone u Rita Galea bl-arretrati fejn huwa il-każ.

Il-Membri qablu unanimament.

**Korrispondenza Nru 2** – Din il-korrispondenza ġiet moqrija u sar qbil unanimu illi Philip Azzopardi il-handyman tal-Kunsill jikkordina mal-Kunsill Lokali ta Ħ'Attard.

Il-Membri qablu unanimament.

**Korrispondenza Nru 3** – Is-Sindku nforma lill-membri li Memo 10/2015 għandha tgħaddi għand il-Kunsillier Dr Angele Rapa għaliex hija l-persuna responsabbli mill-edukazzjoni. Skema ġiet approvata. Il-Kunsill għandu joħroġ 600 Euro . Il-formola għandha tintbagħat lid-Dipartiment .

Il-Membri qablu unanimament.

**Korrispondenza Nru 4** –Il-kunsill irċieva korrispondenza mingħand Dimples Bar sabiex jorganizza majjalata bħal ġbir ta fondi għall-Ursolini fil-5 ta' Ġunju 2015 .
Il-membri qablu unanimament.

**Korrispondenza Nru 5** – Il-Kunsill irċieva kottispondenza sabiex juża sala tal-kunsill sabiex issir Public Hearing fis-Sala tal-Kunsill dwar Shooting Range.

Il-membri qablu unanimament.

6. **Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni**

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

7. **Ilmenti**

Il-Kunsill iddeċieda li ċertu lmenti jistgħu jiġu deċiżi immedjatament mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv u lmenti oħra li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jara li hemm bżonn l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill għandhom jittellgħu għall-laqgħa fejn liema laqgħa tkun speċifikament għall-ilment.

Ilment irridu ukoll ikunu imressqa mill-kunsilliera rispettivi.

8. **Ordnijiet tal-ġurnata**

**(a) Xiri ta' siġġijiet għall-Board Room.**

Din il-materja ġiet posposta u tħalliet għall-aktar 'il quddiem.

**(b) Xiri ta Lapidi tal-membri tal-Kunsill preċedenti u ta' llum**

Il-Kunsill qabel li jinħarġu tlett kwotazzjonijiet.

**(c) Proposta biex jibda il-proċess għat-tender ta' Major Patching u bini ta' toroq ġodda (Alexander Muscat)**

Is-Sindku, L-Aġent Segretarju Eżekuttiv kif ukoll il-Kunsillier Alexander Muscat għandhom laqgħa nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju fid-9.00 a.m. ma Transport Malta . Wara din il-laqgħa ser jiġi stabbilit jekk hux ser issiru proġetti kapitali ta' Toroq u għaldaqstant wara ikun deċiż jekk għandhiex tinħareġ din it-tender.

**(d) Proposta biex jibda l-proċess għat-tender tal-lift**

Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mal-Health Centre fejn wara din il-laqgħa ikun jista' jinħareġ tender għall-żewġ lifts (lift fil-komun il-ġdid) u jittranġa il-lift eżistenti.

Kien hemm qbil ukoll ir-request għall-embellishment tined (struttura mibnija) li jgħatu għall-passaġġi għaċ-Ċentru Ċiviku.

Il-membri qablu unanimament.

**9. Proċess għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill sabiex tinħareġ is-sejħa għall-proċess għall-ħatra tas-Segretarju minhabba l-fatt li bħalissa il-Kunsill għandu Aġent Segretarju.

Id-Dott Rachel Tua nfurmat lis-Sindku u lill-membri li hi tħoss li ġaladarba l-Aġent Segretarju huwa effiċjenti u kompetenti u ghaldaqstant ma tqabilx li dan il-proċess għandu jsir issa waqt din it-tranżizzjoni.

Is-Sur Alex Muscat informa lill-membri li l-Kunsill tal-Mosta ilu snin jaħdem b'Agent Segretarju u jħoss li l-Aġent Segretarju huwa effettiv u qiegħed jagħmel xogħlu tajjeb. Is-Sur Muscat propona li huwa importanti li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jieħu over tax-xogħol li kien hawn u li hawn bħalissa sabiex b'hekk meta jinħatar Segretarju ġdid l-Aġent Segretarju Eżekuttiv li għandna bħalissa jkun jista' jgħati handover tajba lil min ikun ġej ingaġġat bħal segretarju Eżekuttiv.

Dan jidher ċar u huwa ta mportanza għaliex l-Aġent Segretarju Eżekuttiv li għandna ħadd ma taħ hand over. Apparti minhekk s-Sur Muscat qalu li l-aħjar hu li dan il-proċess għandu jsir aktar tard u mhux bħalissa.

Is-Sindku qal li jifhem dak li qal is-Sur Muscat iżda hu jixtieq li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jkun full time . Huwa kompla biex jgħid l-Aġent Segretarju li għadna jista japplika hu stess. Fil-frattemp s-Sindku qal li din il-materja ser terġa' jiddiskutiha fil-laqgħa li jmiss.

**10. Kommunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku qal lill membri tal-Kunsill li għandhom jibgħatu l-proposti tagħhom fuq inizzjattivi u xogħol lill-Kunsill sa sitt ijiem qabel ma jkun hemm il-laqgħa tal-Kunsill.

**11. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar **Tlieta 26 ta' Mejju 2015 fis-7.30 p.m.**

Laqgħa spiċċat fl-10.30 ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 26/5/2015

**Centru Civiku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, MST 9059 - Malta**
**Tel: 2141 6841 Fax: 2141 0245**
**E-Mail: mosta.lc@gov.mt**

Anness 1.

KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

## Lista ta' responsabbiltajiet li ser ikunu qed jingħataw lil kull kunsillier

### Edwin Vassallo Sindku

Għal Mosta b'ambjent aktar nadif u isbaħ.
Proġetti kapitali.
Lejn Komunita li toffri spazji b'aktar sigurta fejn jiltaqgħu l-familji.
Is-sostenibbilita finanzjara tal-Kunsill lokali Manutenzjoni fiċ-ċimiterju tal-Mosta.

### Ivan Bartolo Viċi Sindku

L-Onoreficenza "Ġieħ il-Mosta".
Lejn komunita fejn ħadd ma jħossu mwarrab iżda apprezzat u milqugħ.

### Alexander Muscat

Lejn aktar sigurta permezz ta'bini ta'toroq ġodda.
Il-ħarsien u l-promossjoni ta'dritt għal aħjar servizzi fil-komunita.

### Keith Cassar

Kunsill Lokali eqreb tan-nies ser jaħdem lejn it-tisħiħ tal-Identita tal-Mosta.(promozzjoni tal-volontarjat)
Kunsill li jaħdem f'konsultazzjoni u komunikazzjoni kontinwa man-nies għaliex huwa kunsill lokali qrib ta'nies.
Organizzazzjoni u koordinazzjoni aħjar tal-festi u attivitajiet soċjali tal-kunsill.
Ħidma ta' manutenzjoni tal-proġetti kapitali li saru maż-żmien.

### Rachel Tua

Għal aktar sens ta'sigurta fil-Mosta.(relazzjoni mal-ordni pubbliku )

### James Cassar

Ġemellaġġi tal-Kunsill Lokali tal-Mosta ma' bliet oħra.
Lejn aktar sigurta fit-toroq bl-aħjar organizazzjoni tat-traffiku.
Lejn ippjanar aħjar tal-ispazju tal-Parkeġġ fil-Mosta.
Politika imprenditorjali li toffri appoġġ għas-settur kummerċjali fil-lokalita.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

### Gian Luca Busuttil

Żgħazagħ impenjati biex jaħdmu favur il-promozzjoni tal-valuri tal-Inkluzzivita' u s-Solidarjeta fil-Komunita lejn il-bżonn ta' aktar attivita sportiva fil-ħajja.

### Mario Sammut

Għal aktar wens u sigurta għall-anzjani u titjib fis-servizzi lejn persuni b'bżonnijiet speċjali fil-Mosta,

### Angele Rapa

Lejn komunita aħjar għat-tfal tagħna.
Lejn edukazzjoni għal-ħajja.

### Karl John Tanti

Lejn l-aħjar servizzi fil-komunita mill-Kunsill.(kuntratti tal-Kunsill) Bini ta bankini ġodda aktar aċċessibbli.

### Maria Pia Bonnici

Lejn aktar apprezzament tal-kultura tagħna.

### Mark Micallef

Lejn servizz aħjar ta' komunikazzjoni permezz tat-trasport pubbliku fil-Mosta.
Lejn użu aħjar tal-fondi lokali u tal-Unjoni Ewropea.

### Joseph Gatt

Lejn aktar Attenzjoni , Promozzjoni u Ħarsien tal-Patrimonju Mosti.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

## KANDIDATI KUNSILL LOKALI MOSTA

Nixtieq li l-Kunsill Lokali japprova li:

Is-Sur Borg Christian u s-Sur Deguara Frans ikunu mitluba mill-Kunsill Lokali tal-Mosta biex ikunu mitluba jgħinu fil-ħidma tal-uffiċċju tas-Sindku.

Is-Sur Deguara Frans u s-Sur Vella Noah ikunu mitluba jgħinu lill-Kunsillier Keith Cassar fil-Bord Editorjali tal-ħidma fil-qasam tal-komunikazzjoni, kemm jekk fil-pubblikazzjoni kif ukoll fil-midja soċjali.

Is-Sinjura Schembri Bernardette għandha tkun mitluba tgħin fil-ħidma tal-Viċi Sindku Ivan Bartolo.

Is-Sinjura Scicluna Marthese u s-Sinjorina Vella Charlene għandhom ikunu mitluba biex jgħinu lill-Kunsilliera n-Nutara Angele Rapa.

Is-Sur Howard Joseph, is-Sur Gauci Jesmond u s-Sur Martin Pace għandhom ikunu mitluba jgħinu lis-Sindku fil-ħidma tiegħu fir-responsabbiltajiet li għandu bħala Kunsillier.

Proponent

Kunsillier li qed jipproponi
Edwin Vassallo

Sekondant

Kunsilliera li jissekondaw

Ivan Bartolo

Received on 13/05/2015
@ 8.45

KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

# Pjan ta' Ħidma għall-Kunsill Lokali tal-Mosta

*Il-viżjoni għal ħidma li jrid iwettaq il-Kunsill*
*u li jindika x'inhuma r-responsabbiltajiet tal-Kunsilliera*

**Miktub mis-Sindku Edwin VASSALLO**

*ideat li jirriflettu l-Programmi Elettorali taż-żewġ Partiti Politiċi*
*għall-elezzjoni tal-Kunsill Lokali 2015*

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

## GĦAL MOSTA ISBAĦ U AĦJAR

### 1. Għal Mosta b'ambjent aktar nadif u isbaħ

Servizzi aħjar ta' ndafa pubblika

Naraw li Pjazza Rotunda tinżamm aktar nadifa matul il-ġurnata kollha.

Naħdmu ma' dipartimenti governattivi biex fil-Mosta tinbena mill-ġdid il-latrina pubblika.

Servizzi aħjar ta' ndafa pubblika fiz-zoni residenzjali.

Wied il-Għasel għandu jinżamm nadif u jkollu l-passaġġi tiegħu organizzati aħjar għal mixjiet b'rotot li jidhru.

Inkomplu ntejbu s-sistema tal-ġbir tal-iskart mid-djar u nsaħħu s-sistema ta' separazzjoni tal-iskart mid-djar.

Il-Kunsill jara kif l-ispazji miftuħa (*open spaces*), rawndebawts u ġonna pubbliċi jinżammu aktar nodfa.

Naħdmu ma' esperti biex inħarsu l-kwalita' tal-arja u biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja.

Innaqqsu kemm jista' jkun il-ħmieġ tal-annimali minn fuq il-bankini anki permezz ta' bins li jitpoġġew f'diversi postijiet għal dan il-għan.

Infasslu pjan maħsub ta' ħidma biex l-ilma tax-xita jkun jista' jmur fi bjar privati u jkun milqugħ permezz ta' lqugħ oħra ħalli ma jintilifx.

Il-Kunsill jaħdem ma' dipartimenti rispettivi biex iz-zoni industrijali jinżammu nodfa u jkunu organizzati aħjar għall-benefiċċju tal-ħaddiema u l-klijenti tagħhom. F'dawn iz-zoni għandha tingħata importanza għall-kultura ta' sigurta' fuq il-post tax-xogħol.

### 2. Proġetti kapitali ġodda

Bini ta' *culverts* ġodda f'diversi zoni, skont il-ħtieġa għall-ilma tax-xita.

L-istallazzjoni ta' lift ġdid fiċ-Ċentru Ċiviku.

Bini ta' latrina pubblika ġdida fil-Mosta.

Bini mill-ġdid tal-funtana fi Pjazza Rotunda.

Dehra ġdida taċ-Ċentru Ċiviku.

Ikun organizzat is-servizz ta' *night shelter*.

Ikunu msebbħa numru ta' pjazez żgħar u toroq oħra li jistgħu jkunu qed jintużaw esklussivament mir-residenti.

Il-Kunsill jistħarreġ il-possibbilta' li jinbena parkeġġ qrib taċ-ċentru tal-Mosta.

Installazjoni ta' sistemi ta' dwal fil-*playing fields* u ċentri f'zoni residenzjali biex kull ċentru jkollu pjazza ewlenija fejn jistgħu jiltaqgħu l-familji.

**3. L-Onorifiċenza 'Ġieħ il-Mosta'**

Il-Kunsill jistħarreġ il-possibilita' li ssir riforma fis-sistema tal-għoti tal-Onorifiċenza 'Ġieħ il-Mosta' biex din il-proċedura tkun waħda li toffri aktar rikonoxximent bl-aktar mod ġust mal-ħidma li tkun saret fil-Mosta, skont kif jitolbu r-regolamenti tal-istess proċedura, u tara tistax tinbidel, biex din l-attivita' tkun aġġornata.

'Jum il-Mosta' għandu jkun organizzat b'diversi attivitajiet kulturali, soċjali, sportivi, u oħrajn, li huma marbuta mal-Patrimonju Mosti, fejn fost l-oħrajn attivita' bħal din tkun tinkludi s-sehem ta' żgħażagħ u anzjani.

**4. Lejn Komunita' li toffri spazji b'aktar sigurta' fejn jiltaqgħu l-familji**

*Street Furniture* fit-toroq u f'ċentri ta' zoni residenzjali

Fi Pjazza Rotunda u fit-toroq f'zoni residenzjali, għandu jkun hemm:

a. fejn jidher li jista' jkun hemm xi periklu għall-anzjani jsiru *railings* biex l-anzjani jkunu jistgħu jżommu magħhom huma u niżlin minn fuq il-bankina għal-livell tat-triq;

b. jitwaħħlu aktar bankijiet fil-pjazza u fi spazji miftuħa oħra fejn ikun hemm spazju adekwat;

c. ikunu mwaħħla aktar *dustbins* fit-toroq u fi spazji miftuħa skont il-bżonn;

d. fil-*playgrounds* li għandna f'diversi zoni residenzjali għandhom jitwaħħlu sistemi ta' dawl biex dawn iċ-ċentri jkunu aktar imdawwla u jinħoloq aktar wens;

e. ikun hemm manutenzjoni kontinwa fuq *street furniture* li hemm fit-toroq fil-preżent;

f. fejn hemm bżonn jitwaħħlu aktar tabelli ta' ismijiet ta' toroq;

g. il-Kunsill jara li jkollu l-aħjar sistema fil-bdil ta' bozoz tat-toroq, installazzjoni ta' bozoz ġodda skont il-ħtieġa, ħalli fit-toroq tagħna jkun hemm aktar sens ta' sigurta'.

**5. Bini ta' bankini ġodda aktar aċċessibbli**

Dawn għandhom ikunu aktar *user friendly* għall-anzjani, tfal u dawk li jkunu jakkumpanjaw lit-tfal.

Dan il-Kunsill irid jara li jsir ix-xogħol kollu meħtieġ ta' bini ta' bankini ġodda fit-toroq kollha tal-Mosta biex f'kull triq ikun hemm bankina ta' kwalita' tajba u aktar sigura mingħajr kull xkiel li jista' joħloq periklu.

Il-bankini fil-lokalita' tagħna għandhom ikollhom ukoll l-aħjar aċċessibilita' għall-anzjani, persuni bi bżonnijiet speċjali, u ġenituri li jkunu qed isuqu prams, *pushchairs*, eċċ. Hawn l-aċċessibilita' għandha tkun standard ta' kwalita' li għandu jkun imħares.

Hija l-mira tal-Kunsill li sal-aħħar ta' din il-leġislatura l-Mosta jkollha bankini ġodda fejn mhemmx u jkun hemm bankini ta' livell tajjeb f'kull triq.

**6. Għal aktar sens ta' sigurta' fil-Mosta**

Konsultazzjoni mal-Pulizja fil-Mosta u l-Awtoritajiet tal-ordni pubbliku rispettivament:

Il-Kunsill irid iżomm laqgħat regolari mal-Pulizija, mal-*MEPA*, u ma' awtoritajiet oħra għall-fini taż-żamma tal-ordni.

Il-Kunsill għandu jaħdem biex jara li fil-Mosta jkun hemm aktar sens ta' *neighbourhood watch.*

Il-Kunsill għandu jaħdem biex inissel aktar sens ta' kultura ta' sigurta' fil-Mosta. Ħadd ma għandu dritt li b'dak li jagħmel joħloq possibilta' ta' periklu għal ħaddieħor.

Il-Kunsill irid jara li jissorvelja bl-aktar mod effettiv kull sit ta' bini li jkun qed isir fil-lokalita' biex kemm jista' jkun jitnaqqas kull periklu possibbli għal kull min jimxi minn fuq bankina fejn ikun hemm proġett ta' kostruzzjoni.

Ikunu installati *CCTV* fi *playgrounds* biex ikun hemm sorveljanza kontra kull xorta ta' vandaliżmu u tkun mistħarrġa l-possibilta' li f'ċerti toroq ikun hemm *CCTV* biex il-Kunill ikun jista' jwaqqaf abbużi ta' sewqan eċċessiv f'ċerti toroq, kif ukoll ikun hemm aktar infurzar kontra minn iħammeġ.

Issir ħidma biex f'zoni qrib ta' skejjel, ċentri ta' tagħlim tad-duttrina, u ċentri oħra edukattivi, ikun hemm aktar sigurta' għat-tfal u għall-ġenituri u adulti li jkunu qed jakkumpanjaw lit-tfal.

Ikun hemm aktar sorveljanza, u jittieħdu passi fejn jinħass il-bżonn, ħalli fejn ikun qed isir xi xogħol ta' kostruzzjoni ma ssir l-ebda ħsara jew jitkisser xi pavimentar jew bankini. Il-Kunsill għandu jara li jkollu l-mezzi kif jieħu passi biex il-ħsara li ssir tkun tista' tissewwa.

Il-Kunsill irid jaħdem biex fil-Mosta jidhru aktar Pulizija jimxu fit-toroq bħala sorveljanza. L-anzjani tagħna għandhom iħossuhom siguri fi djarhom.

Għandu jkun hemm inizjattivi biex titqanqal aktar kuxjenza kontra l-vandaliżmu u mġieba anti-soċjali fil-komunita'.

**7. Politika imprenditorjali li toffri appoġġ għas-settur kummerċjali fil-lokalita'**

*"Mosta open for business"*

Ikunu organizzati laqgħat regolari ma' sidien ta' negozji fil-Mosta.

Il-Kunsill għandu jieħu deċiżjonjiet biex fil-Mosta jinħoloq l-aħjar ambjent biex l-attivita' kummerċjali fil-Mosta tikber, u jnaqqas kemm jista' dak li jista' jkun qed itellef l-attivita' kummerċjali milli tikber u tirbaħ il-kompetizzjoni.

Il-Kunsill għandu jara li dawk li huma involuti fl-attivita' kummerċjali għandhom jifhmu wkoll li huma għandhom dmir li jkunu ta' servizz lejn il-komunita'.

Il-Kunsill għandu jorganizza attivita' maż-żmien ħalli jippromwovi l-Mosta bħala ċentru kummerċjali u l-attivita' kummerċjali fil-Mosta.

Il-Kunsill għandu jara kif is-sidien ta' negozju jkollhom l-aħjar sistema ta' ġbir ta' skart biex l-iskart tal-ħwienet ma jkunx il-kaġun ta' xi inkonvenjenti fit-toroq tagħna.

Il-Kunsill għandu jiffaċilita l-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' konsultazzjoni bejn il-*Malta Enterprise* u sidien ta' negozji żgħar li għandna f'zoni industrijali. Dan bil-għan li dawn iz-zoni industrijali jkunu organizzati aħjar.

**8. Is-Sostenibbilta' finanzjarja tal-Kunsill Lokali**

Għall-aħjar użu tal-finanzi tal-Kunsill Lokali tal-Mosta:

Għandha ssir evalwazzjoni kontinwa fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill jinżamm aġġornat bis-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill biex id-deċiżjonijiet li jittieħdu jkunu mill-aktar ġusti u ma jsirx infieq aktar milli jista' jitħallas.

Għandha ssir evalwazzjoni ta' rapporti tal-Awditur Ġenerali dwar il-finanzi tal-Kunsill Lokali.

Ikun hemm *budget* fejn kull Kunsillier ikun konxju x'inhu l-ammont ta' flus li jista' jonfoq għall-ħidma tiegħu.

**9. Ġemellaġġi tal-Kunsill Lokali tal-Mosta ma' bliet oħra**

Il-Kunsill irid iżomm relazzjoni ma' dawk il-bliet li magħhom għandu ġemellaġġ.

Minn dawn il-ġemellaġġi l-Kunsill irid jara li joħloq inizjattivi differenti biex permezz tagħhom jinħoloq skambju ta' ideat fuq diversi oqsma tal-ħajja.

Il-Kunsill għandu jistħarreġ jekk ikunx ta' gwadan għall-komunita' tal-Mosta li jorganizza ġemellaġġi oħra ma' bliet oħra.

Il-Kunsill irid jaħdem ħalli permezz tal-esperjenza tall-ġemellaġġi jinħoloq aktar skambju ta' ideat bejn l-għaqdiet tal-volontarjat, żgħażagħ u persuni fl-attivita' kummerċjali u setturi oħra tal-ħajja.

**10. Lejn aktar sigurta' fit-toroq tagħna bl-aħjar organizzazzjoni tat-traffiku**

Għandhom isiru sinjali tat-toroq u sinjali tat-traffiku fejn meħtieġ biex it-traffiku jimxi aħjar, ikun aktar organizzat, u jitnaqqas kemm jista' jkun il-periklu minħabba sewqan eċċessiv.

Ikun diskuss mal-awtoritajiet rispettivi dwar tibdil fis-sistemi tat-traffiku skont il-bżonn.

Ikun hemm sorveljanza kontinwa fit-toroq tal-lokalita' biex fejn ikun hemm xi *accident spot* tkun tista tittieħed azzjoni għal xi tibdil meħtieġ.

Jinbidlu skont il-bżonn, sinjali tat-traffiku antiki ma' oħrajn ġodda, u jitwaħħlu sinjali tat-traffiku biex innaqqsu kemm jista' jkun is-sewqan eċċessiv fit-toroq tal-lokalita' tagħna.

**11. Lejn servizz aħjar ta' komunikazzjoni permezz tat-trasport pubbliku fil-Mosta**

Servizz ta' trasport pubbliku aħjar

Huwa fl-interess ta' kulħadd li fil-Mosta jkollna trasport pubbliku li jaħdem tajjeb, għalhekk il-Kunsill irid jara li jieħu d-deċiżjonjiet it-tajba biex fil-lokalita' dan il mezz ta' transport jitjieb:

a. iżomm kuntatt kontinwu mal-awtoritajiet kompetenti biex joffri l-informazzjoni ġusta tiegħu dwar il-ħtiġijiet tan-nies lejn dan is-servizz;

b. jitressqu proposti tal-Kunsill dwar x'jaħseb li għandhom ikunu il-proposti fir-rigward ta' titjib tas-servizz pubbliku u fir-rigward it-tibdil li jista' jkun hemm. Dan biex is-servizz pubbliku jitjib;

c. ikunu mistħarrġa l-possibiltajiet li fil-Mosta jkunu ntrodotti sistemi ġodda ta' trasport pubbliku bil-ħsieb li fil-lokalita' jkollna servizz li jgħaqqad lokalita' ma' oħra;

d. il-Kunsill ser jara li bejn iċ-ċentru u z-zoni residenzjali jkun hemm mezz ta' trasport pubbliku li jgħaqqad dejjem aktar il-mezz ta' komunikazzjoni bejn iċ-ċentru u z-zoni residenzjali;

e. tkun mistħarrġa l-possibilita' li s-sistema tat-trasport pubbliku tibda dieħla l-ġewwa lejn il-Mosta. Dan ifisser li s-sistema tat-traffiku fil-Mosta tkun mibdula ma' waħda fejn tibda tippermetti li t-traffiku jibda jidħol il-Mosta minn Triq il-Kungress Ewkaristiku.

**12. Lejn l-aħjar servizzi fil-Komunita' mill-Kunsill**

Il-Kuntratti tal-Kunsill

Il-Kunsill għandu jkun mgħarraf regolarment bl-obbligazzjonijiet tal-kuntratti tas-servizzi fil-Mosta.

Il-Kunsill għandu jara li jkollu l-aktar sistema trasparenti u ġusta fil-proċedura tal-ħruġ, evalwazzjoni u/jew sejħa ta' kuntratti, u għoti tal-kuntratti, għal aktar ħidma effettiva u effiċjenti fil-Mosta.

Il-Kunsill għandu jaħtar Kumitat tal-Aġġudikazzjoni tal-Kuntratti, u li jistipula r-rwol tiegħu.

**13. Lejn aktar sigurta' permezz ta' bini ta' toroq ġodda**

Ippjanar ta' toroq ġodda u ħidma għal toroq ġodda:

Għal aktar sigurta' fit-toroq tagħna, il-Kunsill għandu jaħdem biex isir xogħol fit-toroq li jeħtieġu t-tarmak, għaliex qatt ma saru u/jew li huma toroq li jeħtieġu li jergħu jsiru mill-ġdid.

Issir għażla ġusta ta' toroq li l-Kunsill jiddeċiedi li għandu jaħdem fuqhom ħalli jsiru bit-tarmak għall-ewwel darba u/jew li jerġgħu jsiru mill-ġdid.

Il-Kunsill irid jaħdem ħalli jilħaq ftehim biex jakkwista l-aħjar ftehim ta' finanzjament biex fil-Mosta jkun jista' jsir programm vast ta' toroq ġodda la darba l-ħtieġa hija daqshekk kbira.

**14. Għal aktar wens u sigurta' għall-anzjani u titjib fis-servizzi lejn persuni bi bżonnijiet speċjali fil-Mosta**

Servizzi aħjar għall-anzjani u għall-persuni bi bżonnijiet speċjali:

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil persuni bi bżonnijiet speċjali billi kull xogħol li jsir ikun aċċessibbli għalihom.

Jiġi maħtur sotto-kumitat speċifikament biex ikun jista' jirresponsabbillizza aktar il-ħidma tal-Kunsill fir-rigward ta' aktar aċċessibilita' għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

Dan is-sotto-kumitat għandu jkollu membri tiegħu ġenituri li għandhom xi wlied bi bżonnijiet speċjali u persuni li jimxu fit-toroq b'*wheelchairs*, għax dawn ikunu jafu l-aktar x'inhuma l-ħtiġijiet tagħhom.

Aktar esperjenzi ta' xogħol għal persuni bi bżonnijiet speċjali:

Isiru laqgħat soċjali b'mod regolari maħsuba għal anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali ħalli dawn il-persuni jsibu fil-kumunita' l-wens li jixirqilhom.

Tibda ħidma maħsuba biex fil-Mosta l-Kunsill jibda joffri s-servizz ta' *night shelter*.

Il-Kunsill jissorvelja x-xogħol li jkun qed isir permezz ta' djar għall-anzjani u jara li jkun ta' sostenn għal dawn id-djar ħalli l-anzjani li huma residenti fihom iħossu li huma parti wkoll mill-komunita' tal-Mosta.

Ikun hemm sorveljanza fuq s-servizz ta' saħħa u ta' sigurta' soċjali, u l-Kunsill jara li dawn is-servizzi qegħdin jinagħtaw bl-aħjar effiċjenza lil dawk li jitolbu dawn is-servizzi.

**15. Lejn aktar attenzjoni għall-Partimonju Mosti**

Promozzjoni u ħarsien tal-Patrimonju Mosti:

Konxji mill-wirt storiku u kulturali li jifforma l-Patrimonju Mosti, issir ħidma biex dan il-wirt ikun jista' jitgawda aktar kemm min-nies tal-lokal kif ukoll mit-turisti.

Il-Kunsill jeħtieġ li jindokra l-wirt storiku li jirrakkonta l-istorja tal-Mosta u jieħu deċiżjonijiet mal-awtoritajiet konċernati rigward kif dan il-patrimonju Mosti għandu jkun aktar imħares, protett u miżmum tajjeb, biex maż-żmien ma jintilifx u jkun apprezzat aktar.

Il-Kunsill għandu jorganizza attivitajiet bis-sehem ta' żgħażagħ mill-komunita' tal-Mosta u bil-għajnuna ta' għaqdiet tal-volontarjat biex ikunu organizzati attivitajiet li jfakkru episodji differenti mill-istorja tal-Mosta.

Il-Kunsill għandu jara liema huma dawk is-siti tal-patrimonju Mosti li jeħtieġ li għandu jsir xogħol fuqhom ta' restawr immedjatament għaliex jinsabu fi stat ħażin ħafna. Għal dan il-għan il-Kunsill għandu, fost l-oħrajn, jaħtar sotto-kumitat li jissorvelja fuq l-istat tal-bini tal-patrimonju Mosti.

Il-Kunsill għandu jara li jinkoraġġixxi l-pubblikazzjoni ta' kotba li jirrakkontaw l-istorja tal-Mosta u ġrajjiet il-Mosta maż-żmien.

Il-Kunsill għandu jfakkar avvenimenti li ġraw matul iż-żmien biex dawn l-ġrajjiet ma jkunux minsija maż-żmien.

Il-Kunsill għandu jfakkar leġġendi marbuta mal-istorja tal-Mosta bis-sehem ta' żgħażagħ mill-komunita' tal-Mosta.

Il-Kunsill għandu jara li matul is-sajf jinfetaħ ix-xelter tal-aħħar gwerra ħalli jkun jista' jitgawda mit-turisti u mill-Maltin, u dan permezz ta' *reanacments* li jsiru f'ċerti ġranet u f'ċerti ħinijiet biex ikunu bħala attrazzjoni.

### 16. Lejn ippjanar aħjar tal-ispazju tal-parkeġġ fil-Mosta

Organizzazzjoni aħjar tal-parking fil-Mosta:

Il-Kunsill għandu jara li jorganizza aħjar il-*parking-bays* fejn hemm diġa' u jorganizza aktar *parking-bays* fejn mhemmx fil-preżent.

Għandha ssir konsultazzjoni kontinwa mal-awtorijiet responsabbli mit-trasport għal soluzzjonijiet rigward il-parking u jkun definit x'inhuma r-regolamenti tat-traffiku li jirrigwardaw ix-*short-stay parking* u fejn jistgħu jsiru *parking-bays* għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

Għandha ssir organizzazzjoni aħjar u aktar sorvjeljanza tas-servizz tat-trasport pubbliku fil-Mosta u lejn il-Mosta.

Għandha ssir organizzazzjoni ta' sistema tat-trasport pubbliku madwar il-Mosta ħalli persuni li jkunu jridu jidħlu lejn iċ-ċentru jkollhom servizz li għalihom ikun mezz ta' trasport.

### 17. Kunsill Lokali eqreb tan-nies ser jaħdem lejn it-tisħiħ tal-Identita' tal-Mosta

Attivitajiet soċjali tal-Kunsill, promozzjoni tal-volontarjat, u organizzazzjoni tal-festi fil-Mosta:

Għandhom jiġu organizzati attivitajiet soċjali maħsuba biex isaħħu l-identita' tal-Mosta fost ir-residenti tal-Mosta.

F'dawn l-attivitajiet soċjali l-Kunsill għandu jistieden biex jieħdu sehem l-għaqdiet tal-volontarjat fil-Mosta u b'hekk ikun qed ukoll jippromwovi l-istess volontarjat.

Il-Kunsill jaħdem biex jippromwovi l-identita' tal-Mosta permezz tal-għaqdiet tal-volontarjat fil-Mosta bi promozzjoni u apprezzament lejn dawn l-għaqdiet, u b'hekk iħajjar biex aktar persuni jieħdu sehem fil-ħidma tal-volontarjat fil-Mosta.

Il-Kunsill jeħtieġ jaħdem biex jara li l-għaqdiet tal-volontarjat jissaħħu fin-numru tal-membri tagħhom filwaqt li l-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivita' soċjali tal-komunita' tissaħħaħ dejjem aktar.

Il-Kunsill irid joħloq djarju ta' attivitajiet soċjali u attivitajiet li l-istess għaqdiet tal-volontarjat ikunu qed jorganizzaw fil-Mosta u dan biex dawn l-attivitajiet ikunu aktar promossi.

Il-Kunsill ikun qed isaħħaħ l-identita' tiegħu wkoll kull meta jgħin persuni ta' Talent Mosti jieħdu sehem fl-attivitajiet soċjali tiegħu. Il-promozzjoni ta' Talent Mosti hija

mod ieħor ta' kif tissaħħaħ aktar l-identita' tal-Mosta u s-sens ta' identita' ta' komunita'.

L-attivitajiet soċjali tal-Kunsill għandhom ikunu mezz ta' djalogu soċjali li l-Kunsill ikun qed jorganizza bil-għan li jara li fil-Mosta jwassal messaġġ u ħidma favur it-tisħiħ tal-identita' tal-Mosta. Dawn l-attivitajiet għandhom ikunu organizzati kemm fiċ-ċentru kif ukoll f'zoni residenzjali tal-lokalita' tal-Mosta.

Il-Kunsill irid jara li jgħin lill-għaqdiet tal-volontarjat fil-Mosta billi jara li kull għaqda għandha sit adegwat minn fejn topera u torganizza l-attivita' tagħha. Il-Kunsill irid ukoll jippromwovi l-Mosta bħala komunita' fejn jistgħu jibdew jaħdmu għaqdiet oħra tal-volontarjat fil-Mosta.

Il-Kunsill irid jaħdem biex l-amministrazzjoni ta' *Targa Gap Battery* tgħaddi f'idejn il-*Mosta Scouts Group* ħalli l-iskawts ikollhom ċentru fejn it-tfal ikunu jistgħu jiffrekwentaw għall-attivitajiet li jistgħu jkunu organizzati f'dak is-sit, filwaqt li l-għaqdiet l-oħra tal-volontarjat Mostin ikunu jistgħu jgawdu wkoll l-użu ta' dan il-post li jkun miżmum tajjeb u kif xieraq mill-istess skawts. L-użu ta' għaqdiet oħra tal-volontarjat Mostin ikun jista jsir bil-koordinazzjoni mal-iskawts tal-Mosta.

**18. Kunsill li jaħdem f'konsultazzjoni u komunikazzjoni kontinwa man-nies għaliex huwa kunsill qrib tan-nies**

Il-Kunsill huwa mpenjat li jaħdem qrib tan-nies u biex jirrispondi għall-ħtiġijiet tan-nies. Għalhekk il-Kunsill huwa konxju li kemm il-darba ma jkunx kunsill lokali li jkun kontinwament f'konsultazzjoni regolari man-nies ma jistax jaħdem sewwa.

Il-Kunsill huwa mpenjat li jara li b'ħidmietu huwa jkun qed jirrispondi għall-bżonnijiet li jinqalgħu għan-nies tal-komunita' tal-Mosta, u għal dawk li jaħdmu fil-Mosta jew li jkunu qed jgħaddu mit-toroq tal-Mosta. Biex ikun jista' jwettaq xogħlu bl-aħjar mod, il-Kunsill irid iwettaq ħidma li tixhed li huwa kunsill lokali tan-nies u qrib in-nies.

Il-Kunsill Lokali tal-Mosta ikun qrib tan-nies daqskemm ser jirnexxilu jżomm kuntatt man-nies, mar-residenti kollha tal-komunita', li maż-żmien ikunu qed jgħixu fil-Mosta. Il-komunikazzjoni tal-Kunsill mar-residenti ser isir fuq diversi modi:

a. il-Kunsill ser jara li kull Kunsillier ser ikollu s-sotto-kumitati tiegħu li jgħinuh iwettaq ħidmietu skont ir-responsabbiltajiet tiegħu. Bil-laqgħat li ser ikunu qed isiru bejn il-Kunsilliera u l-membri ta' dawn is-sotto-kumitati, il-Kunsill ser ikun qed iwettaq l-aktar eżerċizzju mmirat u kontinwu ta' konsultazzjoni ma' rappreżentanza qawwija tal-komunita' tal-Mosta. Għandu jsir xogħol f'dan ir-rigward li maż-żmien jibqa' joħloq seminars u laqgħat ta' diskussjoni fuq suġġetti li jkunu jidhru li jeħtieġu diskussjoni ta' konsultazzjoni. Il-bini tal-Kunsill għandu jkun kontinwament ċentru ta' enerġija u diskussjoni kontinwa fuq ħidma li tkun qed tiġi ppjanata u mwettqa minn kull Kunsillier. Għalhekk kull Kunsillier għandu jkun mgħejjun jorganizza laqgħat ta' diskussjoni skont il-bżonn li jara hu;

b. għandha ssir konsultazzjoni mal-għaqdiet tal-volontarjat biex il-Kunsill ikun jista' jikkoordina aħjar il-ħidma tiegħu;

c. għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti permezz tal-pubblikazzjoni ta' fuljett, jew pubblikazzjonijiet oħra, li l-Kunsill jista' jiddeċiedi li għandu jippubblika skont il-ħtieġa u l-ħidma li tkun qed tigi mwettqa;

d. il-Kunsill għandu jesplora regolarment kif jista' juża l-aktar mezzi innovattivi dwar kif joħloq u jżomm komunikazzjoni mar-residenti tal-Mosta permezz ta' diversi sistemi bħalma hija l-*website*, il-*facebook*, eċċ. Dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni għandhom jintuzaw kemm biex ikunu mezz ta' tixrid tal-informazzjoni kif ukoll ħalli l-istess Kunsill ikollu mezz kif jista' jirċievi l-ilmenti tar-residenti;

e. il-Kunsill għandu jitlob lill-istudenti f'diversi fakultajiet fl-Universita' u fl-*MCAST* biex skont il-ħidma tal-Kunsill ikunu jistgħu jinvolvu lilhom infushom f'ħidmet il-Kunsill, u jiddiskutu miegħu l-ideat tagħhom. L-involviment tal-istudenti jservi tajjeb kemm għall-Kunsilliera għaliex b'hekk huma jkollhom l-opportunita' li jisimgħu ideat minn perspettiva oħra, kif ukoll għall-istess studenti għax b'dan l-interess f'ħidmet il-Kunsill fil-komunita' jkun jista' jservi għalihom bħala żmien ta' esperjenza li bħala studenti tant ikunu jeħtieġu li jkollhom.

**19. Organizzazzjoni u koordinazzjoni aħjar tal-festi u attivitajiet soċjali tal-Kunsill fil-Mosta**

Il-Kunsill irid joffri l-għajnuna u l-appoġġ tiegħu, skont il-bżonn, biex l-organizzazzjoni tal-festi reliġjużi li jkunu organizzati mill-Parroċċa fil-Mosta jkollhom is-suċċess mixtieq.

Il-Kunsill għandu jgħin fil-koordinament, skont fejn ikun bżonnjuż, biex tinħoloq is-sinerġija meħtieġa fis-servizzi tal-ordni pubblika u l-ħidma tal-indafa pubblika li tkun meħtieġa għall-okkażjoni rispettivament.

Fil-festi naraw li fejn ikun hemm il-każ, ikun hemm l-aħjar organizzazzjoni tal-bejjiegħa biex kemm jista' jkun jitnaqqas kull inkonvenjent għall-pubbliku u jinħass li fl-organizzazzjoni tal-festa hemm l-ordni.

Il-Kunsill jaħdem biex issir l-aħjar koordinazzjoni ta' servizzi li jkunu meħtieġa fl-organizzazzjoni ta' festa u/jew ta' kull attivita' soċjali, sportiva, eċċ., li tkun qed tiġi organizzata fil-Mosta, kemm jekk tkun ġejja mill-Parroċċa u kemm jekk minn xi attivita' volontarja, eċċ.

Il-Kunsill huwa fid-dmir li jgħin biex kull ma jkun organizzat fil-Mosta bħala attivita' soċjali għandu jkun suċċess u jilħaq l-iskop soċjali tiegħu.

Il-Kunsill għandu jara li fl-attivitajiet tiegħu jinvolvi kemm jista' jkun l-għaqdiet tal-volontarjat fil-Mosta filwaqt li għandu jgħin fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet soċjali tagħhom skont il-bżonn, la darba dawn l-għaqdiet ikunu qed jgħinu biex fil-Mosta jkun qed jissaħħaħ aktar is-sens ta' komunita' kif ukoll ikun qed jigi promoss is-sehem ta' aktar persuni fil-volontarjat

## 20. Ħidma ta' manutenzjoni tal-proġetti kapitali li saru maż-żmien

Il-Kunsill ser jaħdem biex jara li fuq il-proġetti kapitali li saru maż-żmien, issir ħidma ta' manutenzjoni biex dawn il-proġetti jibqgħu jinżammu fi stat tajjeb.

Issir ħidma ta' manutenzjoni fuq il-proġett ta' Pjazza Rotunda ħalli jinżamm fi stat tajjeb.

Manutenzjoni fuq *playgrounds* li diġa' saru biex jinżammu fi stat tajjeb.

Issir ħidma ta' manutenzjoni u *patching* fit-toroq u l-bankini skont il-bżonn.

Issir ħidma ta' manutenzjoni fis-sistemi ta' *culverts* li kienu saru numru ta' snin ilu.

Huwa bi programm ta' xogħol ta' sorveljanza u manutenzjoni fuq il-proġetti kapitali li dawn il-proġetti jibqgħu fi stat tajjeb, u ma jkunux qed joħolqu xi periklu għal min jagħmel użu minnhom.

## 21. Manutenzjoni fiċ-ċimiterju tal-Mosta

Għandha ssir ħidma ta' manutenzjoni b'koordinazzjoni mad-dipartimenti konċernati biex iċ-ċimiterju tal-Mosta jinżamm fi stat tajjeb u jitnaqqas il-periklu u l-possibilta' ta' xi ħsara li jistgħu jinħolqu fix-xitwa bl-ilma tax-xita.

Il-Kunsill, flimkien mal-awtorijiet konċernati, jara li ssir ħidma biex jitnaqas kemm jista' jkun il-ħsara li qed issir fiċ-ċimiterju tal-Mosta li qed tkun ikkawżata mill-ilma tax-xita, speċjalment fil-passaġġi li hemm bżonn li jkunu mogħtija wiċċ ġdid u li jiffaċilita l-qlib tal-ilma 'l barra miċ-ċimiterju.

Għandha ssir ukoll ħidma biex ikun organizzata aħjar l-identifikazzjoni tal-passaġġi, filwaqt li jkun hemm il-manutenzjoni meħtieġa.

## 22. Lejn Komunita' fejn ħadd ma jħossu mwarrab iżda apprezzat u milqugħ

Politika soċjali biex fil-Mosta kull persuna tgħodd, kull persuna tiswa:

Il-valuri li ser ifissru impenn soċjali għall-Kunsill Lokali tal-Mosta, huma l-valuri tal-inklussivita' u tas-solidarjeta'. Hija din il-ħidma li ser tgħin biex il-Mosta tkun komunita' aktar inklussiva.

Il-Kunsill ser jaħdem lejn aktar sens ta' tisħiħ ta' komunita' fejn ħadd ma jħossu mwarrab, iżda jagħmel parti minn komunita'. Kull resident għandu jħossu li huwa qed jgħix f'komunita' u mhux f'iżolament. Fil-Mosta lkoll jimpurtana minn xulxin u nixtiequ l-ġid ta' xulxin.

Fil-ħidma soċjali tal-Kunsill il-valur tas-solidarjeta' fil-komunita' jrid jingħata l-ħajja. Il-Kunsill ser iwettaq ħidma li tidentifika persuni vulnerabbli u li jħossuhom jgħixu

f'iżolament, u bl-organizzazzjoni ta' attivitajiet rikreattivi, il-Kunsill ser ikun qed jgħin lil dawn il-persuni u jħossu li huma jiffurmaw parti minn komunita'.

Il-Kunsill ser jaħdem biex jara li kull minoranza fil-komunita' hija milqugħa u hija apprezzata. Hawn il-valur tal-inklussivita' jrid jingħata l-ħajja b'diversi attivitajiet li ser ikunu organizzati biex jgħinu gruppi ta' minoranzi ħalli huma wkoll iħossuhom milqugħin fil-komunita'.

Il-Kunsill ser joħloq kuntatt ma' persuni mill-Mosta li llum huma f'xi istituzzjonijiet korrettivi. Il-Kunsill ma jrid lil ħadd li jħossu li huwa 'l bogħod jew mifrud mill-komunita' tiegħu.

## 23. Il-Ħarsien u l-promozzjoni ta' dritt għall-aħjar servizzi fil-Komunita'

Il-Kunsill jimpurtah li jara li kull servizz tal-Gvern li jingħata fil-komunita' minn diversi entitajiet u awtoritajiet ta' dipartimenti huwa ta' kwalita' tajba u mill-aktar effiċjenti.

Il-Kunsill jimpurtah li jara li jħares u jippromwovi d-drittijiet taċ-ċittadin għall-aħjar servizz li jkun qed jitlob għalih.

Il-Kunsill ser jara li bil-ħidma tiegħu jissorvelja li r-residenti tal-komunita' tal-Mosta qed ikunu tassew moqdija kemm meta qed jirrikorru għand il-Kunsill kif ukoll meta qed jirrikorru għal xi servizz u/jew informazzjoni minn xi dipartiment tal-Gvern.

Il-Kunsill irid jara li jidħol fid-dettal tas-sitwazzjonijiet fejn persuni jispiċċaw iħossu li għal xi problema jew sfida li huma qed jiltaqgħu magħha, mhemm ħadd mill-organizzazzjoni tas-servizz tal-Gvern li qed joffri li jaqdihom. Fil-ħidma tal-Kunsill Lokali dawk li jaħsbu li ħadd ma qed jisma' l-ilment tagħhom għandhom isibu fil-ħidma tal-Kunsill min lest li jismagħhom.

Il-Kunsill Lokali, bħal gvern lokali, jimpurtah li jara li r-residenti tal-Mosta qed iħossuhom li huma qed ikunu moqdija mis-sistema li hija organizzata bil-ħsieb biex tirrendi servizz effiċjenti.

Għal dawn l-għanijiet il-Kunsill ser jaħdem biex jara li r-residenti tal-komunita' tal-Mosta jħossu li tassew hemm min hu kapaċi li jrid jisma' u jifhem l-ilment tagħhom.

## 24. Lejn Komunita' aħjar għat-tfal tagħna

Ippjannar ta' *playing-fields* ġodda u politika għat-tfal u għat-tisħiħ tal-familja:

Ser issir ħidma biex il-*playing-fields* u ġonna pubbliċi tagħna jkunu aktar siguri għat-tfal u għall-ġenituri u/jew anzjani li jkunu qed jakkumpanjaw lit-tfal.

Ħidma biex ikollna *playing-fields* ġodda u aċċessibbli għal kull kundizzjoni. Dawn l-ispazji għandhom ikunu l-ispazju miftuħ disponibbli għall-familji tagħna u għat-tfal tagħna.

Ser jiġi ffurmat il-'Kunsill tat-Tfal' fejn it-tfal ikunu miġbura flimkien biex jgħidu x'jaħsbu li huma għandhom bżonn mill-ħidma tal-Kunsill Lokali. Għandhom ikunu t-tfal stess li jitkellmu favur il-ħtiġijiet tagħhom u mhux l-adulti li jitkellmu f'isem it-tfal u jippromwovu f'isem it tfal, ħafna drabi proposti li jkunu aktar ta' ħtieġa għall-kbar milli għat-tfal.

Il-Kunsill irid jara li jkollu politika favur it-tisħiħ tal-familja, għaliex b'ħidma bħal din tkun miġġielda r-realta' tal-faqar fil-komunita'. Fejn titkisser il-familja hemm aktar possibilita' li t-tfal jiffaċċjaw il-faqar. Għalhekk b'ħidma favur it-tisħiħ tal-familja għandha tkun l-aktar ħidma adattata biex il-Kunsill inaqqas il-possibbilta' tal-faqar fil-komunita'.

**25. Żgħażagħ impenjati biex jaħdmu favur il-promozzjoni tal-valuri tal-inklussivita' u s-solidarjeta' fil-Komunita'**

Il-Kunsill ser jorganizza l-'Kunsill taż-Żgħażagħ' li jibda jiltaqgħa fl-istess post fejn jiltaqgħa l-Kunsill Lokali. Kunsilliera jkunu msejjħa biex jiddiskutu ma' żgħażagħ il-ħtiġijiet li ż-żgħażagħ jaraw il-bżonn li jitkellmu dwarhom.

B'hekk il-Kunsill ikun qed joffri l-opportunita' biex iż-żgħażagħ joffru l-kontribut tagħhom fil-bini ta' Mosta isbaħ u aħjar, filwaqt li jkun qed jinħoloq djalogu kontinwu maż-żgħażagħ.

Il-Kunsill irid joffri l-opportunita' biex iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jsemmgħu leħinhom u jgħidu tagħhom fuq dak li jkun qed iseħħ fil-ħajja ta' madwarhom.

B'dan il-mod iż-żgħażagħ ikunu wkoll qed jieħdu sehem fit-tmexxija tal-komunita' tagħhom u l-Kunsill ikun qed joħloq mod ta' kif jisma' l-kelma tagħhom.

Il-Kunsill ser ikun qed jaħdem biex jara li l-*Mosta Youth Empowerment Centre* jibqa' jkun ċentru fejn ż-żgħażagħ tagħna jikbru u jaħsbu aktar fil-mod ta' kif ser joħolqu soċjeta' aktar inklussiva u fejn il-valur tas-solidarjeta' jkun aktar apprezzat u jagħmel parti mil-loġika tal-ħajja.

Il-Kunsill ser jgħin liż-żgħażagħ biex joħolqu attivitajiet soċjali fejn, skont il-bżonn li jaraw huma, ikunu organizzati attivitajiet fejn huma jidħlu fi djalogu mal-komunita' u s-soċjeta'.

**26. Lejn użu aħjar tal-fondi lokali u tal-Unjoni Ewropea**

Il-Kunsill jeħtieġ li jwettaq ħidma biex japplika għal fondi tal-Unjoni Ewropea u għal fondi lokali:

Huwa permezz ta' dawn il-fondi li l-Kunsill ikun jista' jaħdem fuq ċerti proġetti li jkunu finanzjati minn dawn il-fondi.

Din hija ħidma komplessa li l-Kunsilll hemm bżonn li jwettaq b'reqqa kbira kemm il-darba jkun irid ikabbar l-opportunita' li jakkwista aktar finanzi ma' dawk li jinagħtaw b'regolari mill-Gvern kif stipulat mil-liġi.

**27. Lejn edukazzjoni għall-ħajja**

Il-Kunsill ser iwettaq ħidma fejn joħloq djalogu u kuntatt mal-istituzzjonijiet edukattivi u skejjel governattivi u privati biex dawn l-istituzzjonijiet isaħħu s-sehem tagħhom fil-proġett b'risq it-tisħiħ tal-identita' tal-komunita' tal-Mosta.

It-tfal tagħna fil-Mosta għandu jkollhom edukazzjoni li toffri sens ta' identita' ta' appartenenza lejn il-komunita'.

Il-Kunsill ser iwettaq ħidma fost it-tfal u l-adulti biex jippromwovi aktar il-qari tal-kotba.

Il-Kunsill jimpenja ruħu ħalli jara li l-interess fil-librerija jkompli jikber u jagħmel skemi fejn negozji mill-komunita' jkunu mitluba jagħmlu xi donazzjoni ta' kotba għall-użu tal-librerija tal-Mosta.

Il-Kunsill ser jara kif jorganizza 'Support Group' għall-ġenituri ħalli tissaħħaħ aktar il-ħidma tal-Kunsill lejn it-tfal tal-komunita' Mostija.

**28. Lejn aktar apprezzament tal-kultura tagħna**

Il-Kunsill ser iwettaq ħidma li tgħin biex fil-komunita' tkun apprezzata aktar l-arti u l-kultura:

Il-Kunsill ser jorganizza attivitajiet maħsuba biex iqajmu interess kulturali b'mod fejn dawk li jipparteċipjaw ikunu jistgħu jwasslu messaġġ soċjali favur soċjeta' aktar inklussiva u fejn is-solidarjeta' hija valur li jgħin il-bniedem jgħix aktar f'armonija ta' komunita'.

Bl-organizzazzjoni ta' wirjiet u attivitajiet kulturali li l-Kunsill ser ikun qed iwassal ukoll il-messaġġ tiegħu favur t-tema li tkun magħżula bħala s-suġġett tal-attivita'.

Iż-żgħażagħ Mostin għandhom ikunu fost tal-ewwel li jkunu mistiedna jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet ta' kultura li jistgħu jsiru f'zoni differenti tal-lokalita'. Hija x-xewqa tal-Kunsill li maż-żmien kull zona tibda torganizza attivita' partikolari fejn iż-żgħażagħ u l-adulti ta' dik iz-zona jaħdmu flimkien skont ix-xewqa tagħhom.

Hija l-arti u l-kultura li tagħti l-ħajja soċjali lill-komunita' u hija din l-attivita' li l-Kunsill jara li jagħti l-ħajja biex fil-Mosta jkun imsaħħaħ kontinwament is-sens ta' appartenenza lejn il-komunita' fejn il-valuri ewlenija li jibnu l-fibra soċjali tal-komunita' huma l-valuri tal-inklussivita' u s-solidarjeta'. F'dawn l-attivitajiet il-ħsieb m'għandux konfini iżda jista' jimraħ fl-immaġinazzjoni tal-arti u r-realta' tal-kultura.

**29. Lejn il-bżonn ta' aktar attivita' sportiva fil-ħajja**

Il-Kunsill jimpurtah li fil-komunita' jkun hemm sens ta' *well being* tal-ħajja, jiġifieri li wieħed jgħix tajjeb f'bilanċ bejn il-familja u x-xogħol, u f'bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja soċjali. L-attivita' sportiva fil-ħajja mhix biss hi attivita' kompetittiva iżda hija attivita' li żżejjen il-ħajja.

Konxju ta' dan, għalhekk il-Kunsill ser ikun qed jgħin biex joħloq attivitajiet li jippromwovu l-attivita' sportiva fil-komunita'.

Il-Kunsill ser ikun qed jgħin ukoll fil-promozzjoni tal-għaqdiet sportivi biex aktar żgħażagħ jieħdu sehem fl-attivita' sportiva fil-Mosta.

Il-Kunsill ser jaħdem biex iressaq lejn il-Mosta aktar għaqdiet sportivi ta' diversi dixxiplini sportivi u b'hekk il-Kunsill ser jara li jkabbar kemm jista' l-interess fl-attivita' sportiva kemm fuq livell kompetittiv kif ukoll għal fini ta' parteċipazzjoni biss.

Darba fis-sena l-Kunsill ser ikun qed jorganizza l-'*Mosta Sports Festival*', maħsub li jkun attivita' fejn l-għaqdiet tal-volontarjat fil-qasam sportiv jorganizzaw attivita' biex ikun hemm ukoll promozzjoni ta' dawn l-għaqdiet.